# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Mejju 2014

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-mezzi ta' komunikazzjoni jkunu strumenti għas-servizz tal-verità u l-paċi.**

## Ninġabar:

Nagħraf li Alla jinsab preżenti madwari u ġewwa fija. Inkun konxju/a li proprju bħalissa, jista' jkun hemm nies ta' razza jew ta' fidi differenti li qed ifittxu lil Alla u jitolbuh biex jidħol fil-qalba ta' ħajjithom u ta' pajjiżhom.

## Fatt ċkejken:



Missier ta' żewġt itfal kien qed jara l-bulettin tal-aħbarijiet ta' filgħaxija fuq stazzjon lokali tat-televixin. Laqtuh żewġ stejjer partikolari.

Aħbar ta' ispirazzjoni... "Bħala parti mill-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni fi Sierra Leone, ittella' dokumentarju bl-isem *'Xhieda għall-Verità'*, li juri l-kawżi u l-konsegwenzi ewlenin tal-gwerra. Dan id-dokumentarju ta vuċi lil ċittadini kuraġġjużi f'Sierra Leone li tkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom u dak kollu li pajjiżhom għadda minnu".

Aħbar xokkanti... "Studenta Ingliża hu mifhum li hi l-aħħar *teenager* li għamlet suwiċidju wara li għaddiet minn *bullying* fuq l-internet. Hi nstabet mejta wara li rċeviet sensiela ta' messaġġi abbużivi fuq il-website *Ask.fm*, li fihom qalulha biex 'tixrob il-*bleach*' u 'tmur tmut'. Dan il-każ juri biċ-ċar kemm jistgħu jkunu serji l-konsegwenzi ta' *bullying* fuq l-internet".

U l-missier baqa' mħasseb fuq uliedu...

## Naħseb ftit:

Nieħu ftit tal-ħin biex nirrifletti u naqsam mal-oħrajn il-fehmiet tiegħi dwar dawn l-aħbarijiet li juru kif il-*media* tista' tintuża b'mod tajjeb jew ħażin...

Kif qed nuża l-mezzi ta' komunikazzjoni li jkolli f'idejja? Xi nfittex fihom?

Kif qiegħda taffettwani kemm fit-tajjeb kif ukoll fil-ħażin?

## Nitlob:

Agħtina l-grazzja, Mulej, li nagħmlu użu tajjeb mill-mezzi ta' komunikazzjoni li għandna. Għinna nanaliżżaw aħjar il-messaġġi li nirċievu permezz tagħhom biex ikunu għodda ta' għaqda u sliem.

*Talba oħra spontanja jew fi grupp*.

## Kliem ta' dawl:

*"Il-komunikazzjoni f'kull mod tagħha trid dejjem tkun ispirata mill-kriterju etiku tar-rispett lejn il-verità u lejn id-dinjità tal-persuna umana"* – Ġwanni Pawlu II.

## X'nista' nagħmel:

Nagħmel sforz biex nuża' l-mezzi ta' komunikazzjoni għall-ġid tal-oħrajn billi:

- regolarment inqiegħed ħsibijiet pożittivi fuq *Facebook*
- nibgħat *email* ta' kuraġġ lil xi persuna li jkollha bżonnha...